STORJA
TAL-FOOTBALL MALTI

## Kampjonat 1962-63

# Sliema W. jwaqqfu s-sensiela ta' 17-il rebħa nfila ta' Floriana

minn **Tonio Farrugia**

**Ir-Raba' Ġurnata**

**10-11-1962:**
**Hibernians FC – Rabat FC 5-0**
**H.T 3-0**
**Ref: Anthony Galea**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 11', L. Sultana (H) 14', V. Cassar (H) 17' u 70' u E. Theobald (H) 82'.**

**Hibernians**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Salvu 'Karettuni' Gatt, Andrew Ellul, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Leli Sultana, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**Rabat FC**: Charles 'Kastru' Zerafa (Charles Slowe 46'), Joe Bugeja, Edward Previ, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Charles Nappa (Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi 26'), Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Zammit, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Rabat sofrew tliet goals fl-ewwel 17-il minuta li ġabu magħhom protesti ħorox meta fit-tliet okkażjonijiet kien hemm tixjira tal-linesman għal offside.

2. Joe Ciantar irritorna ma' Hibernians FC wara li f'dawn l-aħħar erba' snin kien qed jilgħab ma' St. George's FC.

3. Kien diffiċli hawnhekk biex wieħed jifhem min eżattament ikkontrolla din il-partita. Skond il-ġurnali The Times of Malta, Il-Berqa u l-Football Annual ta' Robbie Decesare r-referee tal-partita kien A. Galea (li tfisser Anthony Galea), skond il-gazzetta The Bulletin ir-referee kien C. Galea (li tfisser Carmel Galea) u skond The Voice of Malta u Il-Ħelsien ir-referee li kkontrolla l-partita kien J. Galea (li tfisser Joseph F.X. Galea)!

4. Skond il-ġurnal The Bulletin il-player Emrich Ellul lagħab għal Hibernians minflok Andrew Ellul.

**11-11-1962:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: N. Mackay (F) 44' u o.g J. Farrugia (S) 65'.**

**Floriana FC**: Charlie Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele (Joe Fava 70').

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Tony Griffiths, Peter Fitzgerald, Alfred Pisani, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

1. Dan kien l-ewwel punt li tilfu Floriana f'partita tal-kampjonat mill-21 ta' Mejju 1961 meta dak in-nhar huma kienu sfaw megħluba mill-istess Sliema Wanderers 3-1. Minn dak in-nhar huma kienu kisbu 17-il rebħa konsekuttiva.

2. Iz-żagħżugħ promettenti Joe Fava iddebutta fl-Ewwel Diviżjoni ma' Floriana FC. Fis-snin disgħin it-tifel tiegħu Sandro Zammit Fava lagħab kemm ma' Sliema Wanderers kif ukoll ma' Floriana FC fost timijiet oħra.

3. Floriana lagħbu lil Nenu Mackay fil-pożizzjoni mhux solita ta' centre-forwad minflok Billy Dalli li fl-aħħar ħarġa kontra Ħamrun Spartans ma kellux wirja tajba. Anke Charlie Bennetti tħalla barra mill-ewwel team Furjaniż fuq il-wirja mal-Ispartans.

4. Il-goalkeeper Alfred Pisani żamm postu f'nofs l-attakk tal-Wanderers minħabba li Joe Cini kien għadu mweġġa'.

5. Fil-partita tar-Reserves bejn Floriana u Sliema li ntlagħbet, il-Ħadd 18 ta' Novembru, irritorna ma' Floriana l-player Eddie Bonnett li kien ilu nieqes mill-football sentejn minħabba li kien imweġġa'. Huwa skorja anke l-ewwel goal fir-rebħa ta' 2-0.

**17-11-1962:**
**St. George's FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: F. Delia (S) 34', E. Mizzi (S) 40' u S. Scicluna (S) 77'**

**St. George's FC**: Pawlu Nappa, Joe Brincat, Karmenu Frendo, Leonard Mizzi, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Peppi Delceppo, Victor Brincat, Salvu 'Scotch' Scicluna, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Wally Hili.

**Birkirkara FC**: Peter Galea, Carmelo Micallef, Leli Mallia (John Micallef 46'), Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, Leli Theuma, Tony 'Euchar' Grech, Leli Tonna, Neville Chappelle.

1. 'Scotch' Scicluna irritorna b'goal ma' St. George's FC wara li għamel żmien twil nieqes. Huwa kien diġà lagħab mas-Saints erbat ijiem qabel fi friendly kontra l-MFA XI.

2. Mill-ħażin għall-agħar għal Birkirkara. Wara li kienu tilfu lill-players regolari Frans Bonnici 'Il-Lula' li kien jinsab il-Ġermanja mal-Armata u lill-goalkeeper Nenu Bugeja li daħal mall-Korp tal-Pulizija, issa tilfu wkoll lill-player Louis Bugeja li rrifjuta li jilgħab magħhom wara li dawn ma ttrasferewhx ma' club ieħor kif kienet ix-xewqa tiegħu. Fil-fatt aktar tard fl-istaġun Birkirkara FC ittrasferew lil Louis Bugeja lil Floriana FC.

3. Birkirkara kellhom nieqes ukoll lil Leli Borg 'Id-Diju' li kien imweġġa'. Minfloku lagħab John Camilleri.

**18-11-1962:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-2**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: T. Connor (V) 30', T. Cassar (Ħ) pen. 56', J. Urpani (V) 62' u A. Borg (Ħ) 83'.**

**Valletta FC**: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Tony Connor, Josie Urpani, Tony Calleja (Silvio Rapinett 46'), Frankie Zammit, Charlie 'Kinnie' Schembri.

**Ħamrun Sp. FC**: George Sciberras, Ronnie Armeni, Martin Attard, George Jones, Ghiller, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech (John 'Il-Bipu' Mifsud 53'), Albert Calleja, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Gejtu Briffa.

1. L-Ispartans kellhom nieqes lin-'Nenè' Grech fejn minfloku ddebutta Ghiller li kien ġie akkwistat fis-sajf mingħand Senglea filwaqt li ma' Valletta FC iddebutta Charles Schembri li huma kienu akkwistaw fis-sajf mingħand Hibernians u li s'issa kien lagħab ma' Valletta

fil-League tar-Reserves biss.

2. Valletta kellhom nieqsa lill-attakkanti Nenu Chircop u Mario Azzopardi u biex tkompli tiġihom ħażina Tony Calleja weġġa' fl-ewwel taqsima u ġie mibdul fil-mistrieħ. Fuq nota pożittiva, Freddie Borg 'Il-Waniż' kien ġie lura Malta u fil-fatt lagħab fit-team tar-Reserves ta' Valletta kontra Ħamrun Spartans.

3. Il-goals ta' Valletta waslu minn żewġ żbalji tal-goalkeeper George Sciberras meta fiż-żewġ okkażjonijiet ma żammx il-ballun bl-attakkanti Beltin ikomplu f'xibka vojta.

4. Il-penalty favur l-Ispartans ingħata wara li l-ballun deher jaħbat mal-minkeb ta' Josie Urpani fil-kaxxa ż-żgħira.

5. Skond il-ġurnal l-orizzont l-ewwel goal ta' Valletta ġie skorjat minn Tony Calleja. Fid-deskrizzjoni tal-goal il-ġurnal jgħid li Connor mil-lemin waddab cross preċiż li l-goalkeeper Sciberras naqas li jaħtaf biex Calleja kien pront sab ix-xibka.

6. Dan kien l-ewwel rapport ta' partita football fuq l-orizzont. Il-ġurnal ħareġ għall-bejgħ l-ewwel darba fid-19 ta' Novembru 1962, ġurnata wara din il-partita.

Klassifika: Floriana FC pti. 7 pti.; Sliema Wdrs. FC FC 6 pti.; Valletta FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC u Hibernians FC 4 pti.; St. George's FC 3 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi (Floriana FC) 5 goals; B. Dalli (Floriana FC) 4 goals; V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals.

## It-Ħames Ġurnata

**24-11-1962:**
**Hibernians FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Joseph F.X. Galea**
**Skorja: L. Sultana (H) 84'.**

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Leli Sultana, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb (Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci 67'), Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**Floriana FC**: Charlie Fabri, Lolly Debattista, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Billy Dalli għal darb'oħra tħalla barra mill-ewwel ħdax ta' Floriana minħabba li bil-ħsieb li kellu li ser jemigra lejn l-Awstralja ma kienx qed jinżel għat-training.

2. Victor Cassar ta' Hibernians kien wasal Malta minn Tripli fejn kien stazzjonat mal-Armata ġurnata qabel din il-partita.

3. Is-sostitut ta' Hibernians skond il-ġurnali Il-Berqa u The Bulletin kien Anthony Hili, kuntrarju għal dak li rraportaw il-gazzetti l-oħra kollha li niżżlu lil Vince Gauci 'Iċ-Ċorma' li daħal bħala sostitut. Vince Gauci huwa ħu ż-żgħir ta' Pawlu Gauci ta' Valletta FC.

4. Floriana kienu kisbu l-goal tad-draw lejn tmiem il-partita iżda l-goal kien tħassar għal offside.

5. Floriana FC sofrew telfa wara 18-il partita tal-kampjonat li fihom kienu kisbu 17-il rebħa u draw fl-aħħar ħarġa. Huma kienu anke rebħu l-kampjonat tal-istaġun ta' qabel b'punti massimi.

L-aħħar telfa tagħhom fil-kampjonat kienet kontra Sliema Wdrs. FC (3-1) fil-21 ta' Mejju 1961. Barra minn hekk Floriana naqsu li jiskorjaw għall-ewwel darba wara 30 partita tal-kampjonat. L-aħħar li kienu lagħbu fil-kampjonat u ma kienux skorjaw kien, fl-14 ta' Mejju 1960, f'partita kontra Valletta li kienu tilfu 1-0.

**25-11-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: George Busuttil**
**Skorja: J. Cini (S) 13'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Peter Fitzgerald, Joe Cini, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**Rabat FC**: Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Charles Nappa, Micallef (Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi 46'), Pawlu 'Polly' Carbonaro, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi (Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri 73'), Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Charles Zammit, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Albert Castillo.

1. Proprju fl-aħħar xutt tal-logħba Vince Vassallo ta' Rabat laqat sieq il-lasta b'xutt mill-qrib bil-ballun jispiċċa f'idejn il-goalkeeper Freddie Debono u r-referee Busuttil isaffar immedjatament tmiem il-partita. Sliema b'hekk irnexxielhom jitilgħu fil-quċċata tal-klassifika.

**01-12-1962:**
**Ħamrun Sp. FC – St. George's FC 0-0**
**Ref: Anthony Galea**

**Ħamrun Sp. FC**: Vince Tedesco, Ronnie Armeni, Martin Attard, George Jones, John Fondacaro, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Freddie 'It-Tirjule' Borg (John 'Il-Bipu' Mifsud 69'), Albert Calleja, George Micallef.

**St. George's FC**: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Peppi Delceppo, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Victor Brincat, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi (Franz Buttigieg 46'), Salvu 'Scotch' Scicluna (Freddie Demanuele 63'), Wally Hili.

1. 'Scotch' Scicluna kellu jħalli l-ground sabiex imur l-isptar wara li ġie nformat li t-tifel iż-żgħir tiegħu kien qiegħed ħażin.

**02-12-1962:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 6-0**
**H.T 2-0**
**Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 8', C. Williams (V) 40', J. Urpani (V) 59', M. Azzopardi (V) 68', 83' u 88'.**

Valletta FC: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Frankie Zammit, Joe Cilia, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Tony Connor, Charlie Williams, Mario Azzopardi, Josie Urpani, Charlie 'Kinnie' Schembri (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 46').

Birkirkara FC: Peter Galea, Pawlu Barbara, Leli Mallia, Leli Pace, Leli 'Id-Diju' Borg, George Dalli, Leli Theuma, Neville Chappelle (Wally Dimech Debono 46'), Toni Caruana, Leli Tonna, Carmelo Galea.

1. 'Il-Waniż' Borg irritorna fl-ewwel team ta' Valletta wara li ddeċieda li jiġi lura mill-Ingilterra fejn kien emigra. Hu kien diġà lagħab mar-Reserves ta' Valletta kontra Ħamrun Spartans li l-Beltin rebħu 1-0 b'goal ta' Charlie Borg.

2. Leli Borg 'Id-Diju' irritorna fit-team ta' Birkirkara wara xahrejn nieqes minħabba li kien imweġġa'.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Floriana FC u Valletta FC 7 pti.; Hibernians FC 6 pti.; Ħamrun Sp. FC 5 pti.; St. George's FC 4 pti.; Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: M. Azzopardi (Valletta FC) 6 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 5 goals; B. Dalli (Floriana FC) 4 goals; L. Sultana u V. Cassar (Hibernians FC) 3 goals.

## AĦBARIJIET

Fis-6 ta' Diċembru 1962 wasal Malta it-team nazzjonali tad-Danimarka minħabba li jumejn wara kellhom jilagħbu kontra t-team Malti f'logħba ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej. Fil-kontinġent Daniż kien hemm 17-il player u għaxar uffiċjali fosthom il-coach Peter Petersen. Id-Danimarka rebħet il-konfront fl-Istadium tal-Gżira 3-1 biex ikkwalifikaw wara li f'Ġunju kienu diġa' kienu rebħu l-ewwel partita f'Copenhagen 6-1.

Wara li Freddie Borg 'Il-Waniż' irritorna Malta u reġa' daħal fit-team Belti fil-bidu ta' Diċembru, il-Beltin ħadu aħbar oħra tajba meta fid-9 ta' Diċembru tħabbar li laħqu ftehim mall-player tagħhom Joe Zammit 'Il-Ginger' li reġa' iffirma bħala Amateur mat-team Belti.